MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Numru 594/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**vs**
**Mary k/a Marcy Sammut**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mary k/a Marcy Sammut** ta’ 62 sena bint il-mejtin Frans u Mary *nee’* Galea, mwielda Marsa fit-12 ta’ Novemru 1941, residenti 48 ‘Janella’ Triq is-Sewwieqa, Housing Estate Hamrun u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 677741M;

Talli f’dawn il-Gzejjer fil-21 ta’ Lulju 2003 u fix-xhur ta’ wara, bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna u cioe’ lil Diane Farrugia minn Birkirkara detentrici tal-karta tal-identita numru 507572M, akkuzajtha quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kont taf li din il-persuna hija

innocenti u dan bi ksur tal-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli iddenunzjajt lil Diane Farrugia minn Birkirkara, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 507572M, lil Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jimbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur tal-artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-28 ta' Lulju 2004 sabiex il-kaz kontra l-imputata ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputata tressqet quddiem din il-Qorti biex twiegeb ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha wara li kienet hi stess li permezz ta' kwerela talbet lill-pulizija tinvestiga kif s-somma ta' elf tlett mija u hmistax-il lira maltin kienu ittiehdu mill-kont bankarju taghha mal-HSBC plc minghajr il-kunsens taghha. Fl-istess kwerela (ara fol 25) kienet allegat illi l-firma li tidher fuq il-formola li intuzat sabiex jingibdu l-flus ma kienitx il-firma taghha. Ricevuta din il-kwerela, l-Pulizija bdiet taghmel l-indagini taghha u meta kellmet lill-imputata, allura kwerelanta, din ddikjarat bil-miktub (ara fol 26) illi kellha s-somma ta' Lm5,754.40 investiti ghal hames snin mal-HSBC plc fil-branka tal-Hamrun u li kienu ser jimmaturaw f'Novembru tal-istess sena. Meta accediet il-bank sabiex tirtira l-imghax ta' tlett snin fuq din is-somma, li dakinhar kien jammonta ghal-LM1315, l-manager tal-bank infurmata li dawn kienu gia irtirati minnha skond dokument li tatha dak il-hin stess, izda hi ddikjarat li fid-data in kwistjoni ma kienitx marret il-bank u l-firma fuq id-dokument ma kienitx taghha. Fl-istess dikjarazzjoni ziedet

tghid is-segwenti li qed tkun riprodotta ghaliex hija t'importanza ghall-konsiderazzjonijiet ulterjuri: "Nixtieq nghid li jien ghandi suspetti kbar li setghet ipprezentat ruhha il-bank certu Diane li sa hmistax ilu kienet ghadha l-HSBC Hamrun, gieli kienet tkun receptionist. Jien qed nissuspetta li hija Diane minhabba li xi xahrejn ilu, meta kont il-bank tal-Hamrun, mort b'dan id-dokument biex nara min iffirma fuqu u min gibidhom dawn il-flus, u qaltli li kienet hi li ghamlituli. Naf li dik il-gurnata Diane kienet receptionist. Jien bdejt inhaqqaqa maghha u imbaghad waqqfet u qaltli biex nistenna lil manager u jien ghidtilha ma rridx inkellimha ghax fejn inkun se nibqa. Naf zgur li din Diane hi mill-Marsa, izzewget ftit ilu. Jien nixtieq inzid nghid li dan id-dokument rajtu l-ewwel darba fi 2 t'April 2003, meta tatuli Mary Agius biex turini li l-interessi ingibdu. Jien x'hin rajt dan qalbi inqasmet u bdejt nibki ghax kont certa li jien dak id-dokument qatt ma iffirmajtu. Nixtieq inzid nghid li rendikonti annwali ta' dan il-kont in kwistjoni qatt ma ircevejt mill-bank. ..". B'din l-informazzjoni l-Pulzija bdiet l-indagini taghha. Minn hawn irrizultat il-procedura u l-mezzi ta' sigurta' meta si tratta ta' transazzjonijiet f'dan il-bank u fil-kors tal-istess indagini kienet mitkelma certu Diane Farrugia li llum hija Counseller fil-branka tal-Belt, Customs Office. Irrizulta izda li din l-ufficcjal ma kienitx xoghol fil-gurnata li tidher fil-withdrawal slip (fol 60) jigifieri fit-3 ta' Mejju tas-sena 2002. Ta min jinnota illi l-kwerela tal-imputata saret sena u xaharejn wara l-allegat appropriazzjoni senjatament fil-21 ta' Lulju 2003 (ara fol 25). F'dan l-istadju l-Pulizija bdiet tiddubita mill-veracita' tal-allegazzjoni tal-imputata u ghalhekk okkorra s-suspett li ma bdietx tghid il-verita'. Minn dak il-hin 'l quddiem l-kwerelanta kienet trattata bhala suspettata u ttihditilha stqarrija li hija annessa a fol. 29 sa 32. Fl-istess stqarrija, l-imputata tghid li fil-bidu tas-sena l-ohra [allura fil-bidu tal-2003] kienet marret u kellmet lil "Diane ir-receptionist" li qaltilha li l-firma fuq il-withdrawal form bin numru M171 kienet taghha. Mistoqsija li dan mhux minnu ghaliex Diane ma kienitx aktar tahdem il-Hamrun dik is-sena, wiegbet illi kienet fil-fatt kelmitha;

L-imputata baqghet tul dawn il-proceduri tinsisti illi l-flus ittihdulha mill-kont taghha indebitament u din l-Qorti osservat l-attitudini tal-imputata li b'kull rispett dovuta lejha ma setghax jghaddi inosservat tant li proprju meta xehdet in kontro-ezami Diane Farrugia, l-imputata instemghet diversi drabi tghid li mhux ghal dik kienet qed tallega li haditilha l-flus ghaliex dik [Diane Farrugia] kienet l-ahjar wahda hemmhekk. Ghalkemm dan mhux in atti, dan sar seduta stante u l-Qorti hadet kont tieghu ghall ahjar amministrazzjoni tal-Gustizzja. Haga din li anke saret referenza ghaliha mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghha sabiex il-Qorti tiehu kont tal-livell ta' intelligenza tal-istess imputata. Il-prosekuzzjoni, wara l-indagini li ghamlet, naturalment marret fuq Diane Farrugia li kif infurmat ukoll lill-pulizija, kif ukoll kif xehdet quddiem din il-Qorti (fol 79 *et seq*), l-firma taghha imkien ma tidher fuq id-Dok EMC 9 ghaliex fid-data in kwistjoni hija ma kienitx xoghol il-bank. Minkejja dan, l-imputata dahlitha f'rasha illi l-firmatarja fuq id-dokument EMC 9 kienet Diane Farrugia u li meta ikkonfrontatha ammettiet maghha li kienet hi li hadet l-flus. Minkejja dan ukoll, meta Diane Farrugia ingiebet quddiem din il-Qorti biex tixhed, l-istess imputata insistiet li ma kienitx qed tirreferi ghal dik il-persuna. Naturlament kull min ghandu suspett li sehhet xi haga kontra l-ligi fil-konfront tieghu ghandu kull dritt illi jaghmel ilment mal-awtoritajiet kompetenti u jekk wara indagini akkurata ma tirrizulta ebda trasgressjoni tal-ligi, ma jfissirx b'daqshekk biss illi l-kwerelant ghandu jitressaq biex iwiegeb ghall-akkuzi bhal dawk odjerni. L-effett negattiv fuq il-parti reciventi huwa indubitat b'mod specjali meta si tratta ta' xoghol ta' natura sensittiva u fiducjarja bhal dak ta' bankier. Diane Farrugia ma ghandha l-ebda konnessjoni ma dan il-kaz hlief li, sfortunatament, l-isem Diane, wehel fil-menti tal-imputata li ghandha tinsisti li haditillha l-flus. Issa l-artikolu 101 tal-Kap 9 li jirravviza l-ewwel akkuza dedotta kontra l-imputata, jirrikjedi l-hsieb specifiku tal-imputata u senjatament dik ix-xewqa li taghmel hsara lil xi persuna. Mistoqsija diversi drabi fil-kors tal-indagini jekk ghandhiex suspett f'xi hadd, l-imputata wiegbet li tissuspetta f'Diane, minghajr kunjom, li kienet receptionist mal-Bank HSBC. Diane Farrugia dak iz-zmien kienet skrivana u mhux receptionist. Fl-origini tieghu l-ilment tal-

imputata kien li ttihdulha l-flus mill-kont minghajr il-kunsens taghha u kien biss meta kienet mistoqsija jekk kellhiex suspett f'xi hadd li semmiet l-isem ta' Diane. Dan ifissier biss li hi qatt ma akkuzzat lil hadd bil-kommissjoni ta' rejat izda wiegbet ghad-domanda tal-investigaturi dwar min seta kellha suspett u minn hemm tat ir-raguni ghaliex kienet qed tisuspetta fiha. Dan jghodd ukoll ghat-tieni akkuza li hija ravvizata fis-subinciz (2) tal-istess artikolu 101 li jinkorpora zewg rejati. Ghall-ewwel parti tas-subinciz (2) jghodd dak appena konsiderat minn din il-Qorti filwaqt illi dwar it-tieni parti, l-akkuza hija destinata li tfalli ghaliex l-imputata ma ghamlet xejn minn dak ravvizat fl-artikolu senjatament li ma holqot ebda tracci ta' reat b'mod lis jistghu jinbdew proceduri kriminali kontra persuna ohra. Id-Dok EMC 9 huwa dokument ufficjali tal-bank li imtela mill-persuna adetta mal-bank hlief ghall-firma tal-imputata li l-imputata tghid li mhix taghha. Il-firma hija kwazi identika ghall-kull fejn tidher il-firma tal-imputata f'dan il-process fejn tidher aktar minn hmistax-il darba. Il-Qorti qed tghid, hlief, ghaliex mill-firma kollha l-'M' fl-isem Marcy jidher differenti minn kif solitament tiffirma l-imputata. Jibqa' biex jinghad izda, illi dan ma jwassalx ghal dak l-element ta' holqien ta' tracci ta' rejat mitlub mill-artikolu 101(2) tal-Kap 9. Jidher li hemm xi haga li mhix facilment spjegabbli f'dan il-process. Filwaqt illi l-prosekuzzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, waslet ghall-konkluzzjonijiet gusti biex tressaq lill-imputata u tezonora lil Diane Farrugia, jibqa' l-fatt illi l-Qorti kellha l-okkazzjoni tosserva l-agir tal-imputata fl-awla li minn seduta ghall-ohra dejjem ippegjora ghal punt li setghet tifhem u tapprezza li xejn m'hu ser jikkonvinciha li il-misterjuza Diane haditilha l-flus wara b'manjiera indebita, akkuza li deherilha li ghandha twassal lill-pulizija sena u xahrejn wara id-data li fiha setghet hi stess legittimament gibdet il-flus minn rajha. Dan il-konvinciment waslet ghalih din il-Qorti mill-assjem tal-provi anke fejn l-imputata, tul l-indagini, kienet ddikjarat wara dan l-akkadut "Jien xtaqt nghalaq il-kont biex ma jkollix x'naqsam iktar maghhom" (fol 2 tal-istqarrija a fol 31 tal-process)

Maghmulha dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------